MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 192/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Azzopardi talli fil-5 ta' Jannar 2004, wara nofs in-nhar fir-Rabat (Malta):

(1) Biegh, offra jew espona ghall-bejgh jew zamm xi mezzi li l-uzu tieghu huwa pprojbit mill-paragrafu (1) tar-regolament 13(1) ta' l-A.L. 146 ta' l-1933 kif sussegwentement emendat (pre-recorded bird callers) u dan bi ksur tar-regolament 13(2) ta' l-A.L. 146 ta' 1993;

(2) Fl-istess data, lok, perijodu u cirkostanzi naqas li josserva xi disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, jigifieri ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993 kif sussegwentement emendat jew xi ordni ohra legittima moghtija bis-sahha ta’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti;

(3) Fl-istess data, lok, perijodu u cirkostanzi kiser xi disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, jigifieri ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993 kif sussegwentement emendat;

(4) Fl-istess data, lok, perijodu u cirkostanzi, ftiehem jew ipprova, jew ghin, hajjar, ta parir jew qabbad lil xi persuna ohra biex tikser id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, jigifieri ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993 kif sussegwentement emendat, jew biex tonqos milli tikkonforma ma’ xi wiehed minn dawn id-disposizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta’ xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni, jew htiega imposti minn dawn ir-regolamenti jew bis sahha taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Michael Azzopardi hati ta’ l-ewwel (fil-limiti taz-zamma), it-tieni u t-tielet imputazzjoni izda lliberatu mir-raba’ imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ tmenin lira Maltin (Lm80);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Michael Azzopardi pprezentat fis-26 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn gie lliberat mir-raba’ imputazzjoni u thassarha fil-kumplament;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-Avukat Generali pprezentat fis-16 ta’ Ottubru 2006 u s-sentenza hemm esebita;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova li fil-5 ta’ Jannar 2004 l-appellant offra jew espona ghall-bejgh jew zamm xi mezz li l-uzu tieghu huwa projbit b’referenza ghar-regolament 13 ta’ l-A.L 146 ta’ l-1993 dwar il-*pre-recorded bird callers*; (2) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ddeskriviet oggett legalment impurtat bhala llegali fl-istess nifs; (3) l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 29 ta’ l-Avviz Legali 79/2006 meta l-appellant ma giex akkuzat taht l-imsemmi Avviz Legali li dahal fis-sehh snin wara li allegatament gie kommess ir-reat; (4) l-importazzjoni tal-*bird callers* hija protetta taht l-artikolu 28 tat-Trattat ta’ l-Ewropa la darba gew impurtati minn membru iehor fi hdan l-Unjoni Ewropeja, f’dan il-kaz Spanja, u l-eccezzjonijiet ghall-fini tar-regolament ghal *free movement of goods*, ossia l-artikolu 30 ta’ l-istess Trattat, ma jinkludix specifikatament oggetti relatati ma’ l-ambjent, u ghalhekk id-disposizzjonijiet ta’ l-Avviz Legali citat ma jistghux imorru kontra t-Trattat.

B’referenza ghat-tielet u r-raba’ aggravji ta’ l-appellant irid jigi osservat qabel xejn illi l-Pulizija marru ghand l-appellant fil-5 ta’ Jannar 2004, mela <u>qabel</u> ma Malta ssiehbet fl-Unjoni Ewropeja u meta l-ligi *in vigore* kienet l-Avviz Legali 146/1993. Fid-29 ta’ Marzu 2006 gie promulgat l-Avviz Legali 79/2006 li hassar l-Avviz Legali 146/1993. L-ewwel Qorti pero` korrettement ghamlet referenza ghar-regolament 29 ta’ l-Avviz Legali 79/2006 peress illi dan ir-regolament izomm fis-sehh (a) kull haga li saret legalment skond ir-regolamenti ta’ l-1993, sakemm din ma tkunx inkonsistenti ma’ xi disposizzjoni tar-regolamenti ta’ l-2006, u (b) kull responsabbilita` ghal xi piena taht ir-regolamenti ta’ l-1993.

Bhalma osservat l-ewwel Qorti, il-Professur Anthony Mamo fin-noti tieghu[1] jghid:

**"The principle accepted in continental doctrine and practice, which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed <u>without any qualification</u> while the proceedings are still pending, such proceedings fall to the ground and no sentence can be pronounced against the accused"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Imbaghad l-artikolu 12(1)(e) ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi testwalment:

**"Meta xi Att mghoddi wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ihassar xi ligi ohra, kemm-il darba ma jidhirx hsieb kuntrarju, it-thassir m'ghandux –**
**….**
**(e) jolqot kull stharrig, procedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privilegg, obbligazzjoni, responsabbilta`, penali, konfiska jew piena kif intqal qabel,**

**u kull stharrig, procedimenti legali, jew rimedju bhal dawk jistghu jinbdew, jitkomplew, jew jigu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bhal dawk jistghu jigu mposti, bhallikieku l-Att li jhassar ma jkunx ghadda."**

Mir-regolament 29 ta' l-Avviz Legali 79/2006 il-hsieb tal-legislatur huwa car, u cioe`, *inter alia*, illi proceduri li jkunu nbdew skond l-Avviz Legali 146/1993 jitkomplew u l-piena relattiva tigi mposta. Konsegwentement it-tielet u r-raba' aggravji ta' l-appellant huma michuda.

L-ewwel u t-tieni aggravji ta' l-appellant jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u

[1] Part I p. 32.

sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[2].

Minn ezami tal-provi jirrizulta illi fil-5 ta’ Jannar 2004 saret spezzjoni mill-Pulizija fil-hanut ta’ l-appellant fuq xi rapporti li kien qieghed ibiegh xi *bird-callers*. Effettivament instabu u gew elevati erbgha tal-marka Mundi Sound kif jirrizulta mill-ircevuta Dok. GA a fol. 6.

**P.S. 428 Carmelo Debattista** gharaf l-oggetti elevati mill-hanut u xehed illi dawn kienu fuq xkaffa wara l-iskratac. L-ixkafef kienu qishom garzelli mikxufin. Ma kienx hemm prezzijiet imdendlin.

**P.C. 220 Lawrence Cardona** xehed illi meta fil-5 ta’ Jannar 2004 ghamlu spezzjoni fil-hanut ta’ l-appellant, wara l-bank kien hemm vetrina fejn kellu diversi kaxxi ta’ l-iskratac u fejn l-iskratac kien hemm vizibbli erba’ *bird-callers* fil-*pocket*. Meta saqsew lill-appellant x’kienu, huwa nsista li ma kinux jahdmu u kienu ghat-tiswija. Fethu l-

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ewwel wiehed, xeghluh quddiemu u hadem tajjeb. Skond ix-xhud, l-appellant insista maghhom li ma setghux jehduhomlu, li huwa kien jaf x'tghid il-ligi u li xi membru parlamentari jew ministru kien qallu li l-ligi mhix ser tigi nfurzata. Ix-xhud wiegbu li ma kienx jaf x'iddiskuta mal-ministru izda l-ligi qieghda miktuba u ma jistghux jigu esposti. Ghalhekk gew elevati u rilaxxjata rcevuta. Ix-xhud insista li fuq il-post ippruvawhom quddiem l-appellant u quddiem xi nies li kienu prezenti. Mistoqsi mid-difensur ta' l-appellant jekk kienx jaf li dawn kienu *sound reproducers with analogue and digital reading system*, ix-xhud wiegeb li mhux espert f'dak il-qasam izda skond il-karti taghhom fuq il-kaxxi taghhom huma mnizzlin bhala *pre-recorded bird-callers*.

**L-appellant** xehed illi ghandu hanut ta' l-armi u l-affarijiet tal-kacca. Huwa qal li l-oggetti elevati minghandu mhumiex *bird-callers* izda *sound reproducing apparatus*. Qal li l-erbgha kienu bil-hsara u kienu wara l-bank bejn l-iskratac biex meta jsiefer jehodhom biex jissewwew. Qal li tlieta ma kienu jahdmu xejn u wiehed izarzar. Huwa kien jimpurtahom bil-karti tad-Dwana u jhallas il-VAT fuqhom. Ix-xoghol huwa mahdum l-Ewropa u ma hemm imkien li ma tistax izzommu jew tbieghu. Ma tistax tuzah ghall-kacca, izda tista' zzommu d-dar. L-apparat huwa radio u tista' anke tuzah bhala *walkman* ma' widnejk. Tista' titfaghlu cippa jew tape. L-esebiti kienu wara l-bank bejn l-iskratac imwarrbin ghax bil-hsara. Ma kinux fejn jidhru. Hu biss kellu access ghalihom. L-HS Code taghhom huwa 851999000. In kontro-ezami rega' qal li kienu bil-hsara b'dan illi qal li kien se jtellaghhom barra biex jibdilhom. Qal li meta kienu jistghu jbieghuhom kienu jbieghuhom.

Quddiem l-ewwel Qorti l-appellant esebixxa dokument tad-Dwana (Dok. MA1) datat 17 ta' Dicembru 2004. Dan id-dokument mhux applikabbli ghall-kaz in ezami peress illi huwa dokument mahrug aktar minn hdax-il xahar wara l-ispezzjoni li saret fil-hanut tieghu u, skond l-istess dokument, id-*"Date of start of validity"* huwa l-15 ta' Dicembru 2004.

L-appellant esebixxa wkoll *release order* datat 3 ta' Mejju 2002 u l-*invoice* relattiv rilaxxjat minn ditta Spanjola fis-27 ta' Marzu 2002 bhala prova illi l-esebiti in kwistjoni gew importati b'mod legali (Dok. MA2). Fit-tieni aggravju tieghu fil-fatt jghid illi huwa stramb kif l-ewwel Qorti setghet tiddeskrivi oggett importat legalment bhala llegali fl-istess nifs u jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn qalet illi **"Il-Qorti mhux konvinta li ghax oggett ghadda mid-Dwana ma jistax ikun hemm ksur ta' ligi"**. Izda l-ewwel Qorti qalet aktar minn hekk. Fil-fatt hija kompliet tghid: **"Huwa possibbli li l-Ufficjal ma jkunx jaf xi projbizzjoni ta' uzu ta' oggett f'xi ligi zghira jew li mid-deskrizzjoni moghtija ghall-importazzjoni ma jkunx induna li oggett ma jistax jinzamm"**. Aktar minn hekk, pero`, din il-Qorti tosserva illi meta gew importati l-oggetti ndikati fid-Dok. MA2, ir-regolament 13(3) ta' l-Avviz Legali 146/1993 kien jipprovdi: *"Ebda persuna ma ghandha tbiegh, toffri jew tesponi ghall-bejgh jew izzomm b'xi mezz bhal dak imsemmi fis-subparagrafi (a), (b) u (g) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament,* ***ghal skopijiet ta' kacca jew tehid ta' l-ghasafar"*** (enfazi ta' din il-Qorti). Pero`, permezz ta' l-Avviz Legali 41/2003 ir-regolament 13 gie emendat billi thassar il-paragrafu (3) filwaqt illi l-paragrafu (2) gie jaqra hekk: *"Ebda persuna ma ghandha tbiegh, toffri jew tesponi ghall-bejgh, jew izzomm xi mezz li l-uzu tieghu huwa pprojbit mill-paragrafu (1)"*. Permezz ta' dik l-emenda, sar punibbli s-semplici zamma ta' xi mezz ipprojbit mill-paragrafu (1) tar-regolament 13, <u>anki jekk mhux ghal skopijiet ta' kacca jew tehid tal-ghasafar</u>. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nazzareno Aquilina** tal-5 ta' Novembru 2003:

**"Ghalhekk hu car daqs il-kristall li ma hemmx ghalfejn jigi pruvat li l-pussess tal-apparat inkriminat kien intiz biex jintuza ghat-tehid tal-ghasafar jew ghall-kacca, imma kwalsiasi pussess ta' dan l-apparat ikun fejn ikun u ghal liema skop ikun, huwa imputabbli. Addirittura l-ligi tippunixxi l-pussess, esposizzjoni tieghu jew l-offerta ghall-bejgh tieghu go hanut u kompletament barra mill-kuntest ta' nsib u kacca."**

Din kienet il-pozizzjoni applikabbli skond il-ligi vigenti meta saret l-ispezzjoni fil-hanut ta’ l-appellant fil-5 ta’ Jannar 2004 u ghalhekk anke t-tieni aggravju ta’ l-appellant huwa michud.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, mill-provi prodotti din il-Qorti hija soddisfatta illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett taghhom. L-apparat elettroniku in kwistjoni nstab fil-pussess ta’ l-appellant. Il-Pulizija qalu li daqqewhom quddiem l-appellant stess, ghalkemm l-appellant qal li tlieta ma kinux jahdmu u wiehed kien izarzar. In-natura ta’ l-apparat imbaghad u l-iskop tieghu huwa evidenti mid-dokument Spanjol esebit mill-appellant stess (a fol. 30) intestata bl-isem tas-socjeta` “Cantos de Pajaros Digitales, S.L.” li tfisser “Kant ta’ l-Ghasafar bis-sistema digitali, socjeta` limitata”. Interessanti hija l-*website*[3] ta’ din is-socjeta` li turi l-prodotti taghha u li fil-*logo* taghha hemm ghasfur u l-kliem “MUNDI SOUND” – il-marka ta’ l-apparat elevat minghand l-appellant. L-ewwel Qorti fil-fatt ikkonkludiet illi:

**“… hija konvinta (a) li l-apparat kien wiehed li jaqa’ taht il-projbizzjoni tal-ligi kif kienet fil-mument meta l-Pulizija marret fil-hanut ta’ l-imputat (5 ta’ Jannar 2004); (b) li l-imputat kien ferm konsapevoli dwar il-projbizzjoni ghaliex hu stess xehed li, meta l-Pulizija riedu jelevaw l-affarijiet, huwa kien qalilhom li kien kellem lil xi Membru Parlamentari dwar dan li, skond l-imputat, kien qallu li l-ligi ma kenitx ser tkun infurzata; u (c) li l-imputat ta’ lanqas kien qed izomm jew kellu l-pussess ta’ l-apparat li kien projbit bl-Avviz Legali 146/1993; (d) li dan il-pussess kien jaqa’ fiz-zmien meta Malta kienet ghadha mhix membru ta’ l-Unjoni Ewropeja.”**

L-apparat elevat minghand l-appellant jaqa’ taht id-deskrizzjoni kontenuta fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 13 ta’ l-Avviz Legali 146/1993, u cioe` mezzi elettronici u tisfir ta’ l-ghasafar registrati.

[3] www.capadi.com

Konsegwentement anke l-ewwel aggravju ma jistax jigi milqugh.

Dwar il-piena, jinghad biss li skond ir-regolament 25(2)(a) ta' l-Avviz Legali 146/1993, din kienet ta' multa ta' mhux anqas minn hamsin lira Maltin izda mhux aktar minn hames mitt lira Maltin. Ghalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet sew lejn il-*minimum*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------